DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ:[1]
Tneħħija tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fuel tal-avjazzjoni fl-Ewropa

1.Il-firmatarji kollha fuq din il-formola għandhom numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali ta': MALTA

Ara l-Parti C tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 għan-numri ta' identifikazzjoni personali / numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom.

2.Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: ECI(2019)000009

3.Data ta' reġistrazzjoni: 10/05/2019

4.Indirizz tal-websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/initiatives/ongoing/details/2019/000009

5.Titolu ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta: Tneħħija tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fuel tal-avjazzjoni fl-Ewropa

6.Suġġett: Nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi lill-Istati Membri l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-fuel tal-avjazzjoni (pitrolju). Is-settur tal-avjazzjoni jgawdi minn vantaġġi fiskali minkejja li hu wieħed mis-sorsi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li qed jiżdied l-aktar malajr.

7.Għanijiet ewlenin: Filwaqt li alternattivi aktar ekoloġiċi għall-avjazzjoni huma soġġetti għal taxxi għoljin, l-industrija tal-avjazzjoni tibbenefika minn ħafna eżenzjonijiet inġusti mit-taxxa. Il-fuel tal-avjazzjoni għadu mhux intaxxat fl-Ewropa u l-Istati Membri ma jimponux VAT fuq biljetti tal-ajru, u dan jagħmel l-avjazzjoni modalità tat-trasport aktar u aktar attraenti filwaqt li hi l-aktar mod ta' użu intensiv tal-karbonju.
It-taxxa fuq il-pitrolju tippermetti lill-UE żżid drastikament il-finanzjament tagħha għall-mobbiltà aktar ekoloġika peress li t-trasport hu s-settur li għandu l-aktar rata mgħaġġla ta' żieda ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

8.Ismijiet u indirizzi tal-e-Mail tal-persuni ta' kuntatt: Timothée Niels Pierre Jacques GALVAIRE (timothee.galvaire@gmail.com), Anastasios PAPACHRISTOU (tassoscpap@gmail.com)

9.Ismijiet tal-organizzaturi rreġistrati l-oħrajn: Anaïs Marie BISMUTH, Nikolaos THEODOSIADIS, Gauthier Corentin Joachim QUINONEZ, Silvia LA TONA, Sandro Angelo ESPOSITO

10.Websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta *(jekk hemm)*: https://www.endingaviationfueltaxexemption.eu

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI - Sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-oqsma kollha f'din il-formola huma obbligatorji.

B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdejt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajtx diġà din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

ISMIJIET KOMPLUTI	KUNJOMIJIET	DATA TAT-TWELID	NAZZJONALITÀ	TIP U NUMRU TAD-DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI	DATA U FIRMA [2]
		– –			– –
		– –			– –
		– –			– –

[1] Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. L-organizzaturi jistgħu jużaw folji miż-żewġ naħat.
[2] Il-firma mhijiex mandatorja jekk il-formola tkun sottomessa permezz ta' sistemi ta' ġbir onlajn kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

Stqarrija dwar l-privatezza: Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-data personali pprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Għandek id-dritt li titlob lill-organizzaturi ta' din l-inizjattiva, l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Id-data tiegħek se tiġi miżmuma mill-organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, jew xahar wara li wara li dik l-inizjattiva tiġi preżentata lill-Kummissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn ġimgħa wara d-data tal-ġħeluq ta' dawn il-proċedimenti. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li jressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem l-awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru tiegħek ta' residenza abitwali, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment. L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini huma kontrolluri skont it-tifsira tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji mogħtija f'din il-formola. Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (jekk hemm) huma disponibbli fl-indirizz tal-web ta' din l-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst f'din il-formola. Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection?lg=mt.